MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru 465/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Roderick Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Roderick Muscat ta' 22 sena, iben George u Maria Teresa nee' Gatt, imwieled il-Pieta' nhar is-27 ta' Settembru 1987, residenti gewwa 51A Flat 1, Sqaq Brittanika, numru 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' numru 436087(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’xi hin bejn is-07 u t-08 ta’ Frar 2009, minn gewwa Triq il-Gojjin, Fgura, ikkommetta serq ta’ vettura Mitsubishi Pajero, bin-numru tar-registrazzjoni LAF709, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Mandy Camilleri, Fogg Insurance u/jew persuna jew persuni ohra;

Fis-07 ta’ Frar 2009 u fil-jiem ta’ wara, fi Triq il-Gojjin il-Fgura u f’diversi toroq fil-Gzejjer Maltin, saq vettura Mitsubishi Pajero, bin-numru tar-registrazzjoni LAF 709 minghajr licenzja tas-sewqan u b’hekk minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

Fi Frar 2009, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehduha b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, liema valur taghhom huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37);

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-12 ta’ Mejju 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat l-fedina penali relattivament netta tal-imputat u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' erba'(4) snin millum kif ukoll multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax(12)-il xahar millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni tal-ufficjal sorveljanti Marietta Lanzon u dan ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

Stante li t-tielet(3) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------